A.L. 203 ta' l-2003

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 6, 9, 10(2), 11 u 23 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:– Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent; Kap. 435.

"Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif stipulat bl-avviż imsejjaħ Nominazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar bħala Awtorità Ċentrali, u tali entità oħra jew persuna kif il-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jordna, u jistgħu jiġu hekk maħtura entitajiet differenti jew persuni bħala awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"Direttur" tifsser id-Direttur responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent ma' l-Awtorità Kompetenti, jew ir-rappreżentant minnu maħtur;

"esportazzjoni" tfisser il-ħruġ barra minn Malta ta' kull eżemplari;

"eżemplari" tfisser kull mammiferu tal-baħar ta' l-ispeċi jew tas-subspeċi inkluż fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, kemm ħaj kemm mejjet, kemm sħiħ kemm parti minnu, kemm fil-forma oriġinali kemm wara proċess ta' trasformazzjoni. Jinkludi kull parti jew tnissil minnu, kif ukoll kull merkanzija li jkun hemm magħha, minn xi dokument li tkun turi l-ippakkjar jew xi marka jew tikketta, jew minn kull ċirkostanza oħra, li jkunu partijiet jew tnissil minn annimali ta' dawk l-ispeċi;

"importazzjoni" tfisser id-dħul ġewwa Malta ta' kull eżemplari;

"maltrattar" tfisser l-assoġġettar ta' eżemplari għal trattament jew it-tqegħid ta' eżemplari f'xi sitwazzjoni li ma jkunx naturali fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, minbarra speċi miżmuma għal trattament mediku jew ġewwa *dolphinaria* jew *oceanaria* bil-permess tad-Direttur ta' l-Awtorità Kompetenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ambjent;

"permess" tfisser permess preċedenti maħruġ skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, abbażi tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 7 u 8 ta' dawn ir-regolamenti;

"teħid" tfisser tneħħi mill-ambjent naturali.

Dikjarazzjoni.

3. L-ispeċi ta' mammiferi tal-baħar elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma dikjarati bħala speċi ta' mammiferi tal-baħar protetti għall-fini tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (k) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 ta' l-Att.

Awtorità amministrattiva.

4. L-Awtorità Kompetenti tkun responsabbli għall-amministrazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Harsien tal-ispeċi.

5. (1) Ebda persuna ma għandha, direttament jew indirettament, tiġri wara, tieħu jew tipprova tieħu, timmaltratta jew tipprova timmaltratta, toqtol jew tipprova toqtol, ikollha fil-pussess tagħha, tbiegħ b'kull mod, tixtri, tpartat, terġa tintroduċi, timporta jew tesporta xi eżemplari ta' speċi elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull mammiferu tal-baħar li aċċidentalment jinqabad waqt attivitajiet normali tas-sajd għandu jinħeles minnufih, u jekk tali ħelsien ma jkunx possibbli li jsir għandu jittieħed fil-pixkerija tal-Belt Valletta jew ta' Għawdex, u għandu jingħata minnufih lid-Direttur responsabbli għas-sajd, li imbagħad għandu jittrattha b'konsultazzjoni mad-Direttur responsabbli għas-servizzi veterinarji u l-Awtorità Kompetenti.

Provi permezz ta' dokumenti.

6. Kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha xi eżemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi regolamenti oħra, għandu jżomm fil-pussess tiegħu u tul dak iż-żmien kollu li dak l-eżemplari jkun fil-pussess tiegħu, kull permess, ċertifikat u liċenza li jkollhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dak l-eżemplari.

Permessi u kundizzjonijiet.

7. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' toħroġ permess biex tawtorizza:

(a) it-teħid u ż-żamma ta' kull eżemplari għall-fini ta' studji xjentifiċi jew għal skopijiet edukattivi magħmulin bonafidi;

(b) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' kull eżemplari;

(ċ) l-introduzzjoni mill-ġdid ta' eżemplari;

(d) l-għemil ta' kull attività li xort'oħra ma tkunx permessa taħt dawn ir-regolamenti ġewwa *dolphinaria* jew *oceanaria* li fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti diġa' jkollhom eżemplari ħajjin, kemm-il darba dak il-permess ikun limitat għas-sostituzzjoni jew riforniment ta' eżemplari:

Iżda l-Awtorità Kompetenti ma għandhiex toħroġ permess bħal dak jekk fl-opinjoni tagħha tali attivitajiet ikunu jheddu li xi eżemplari jew iwasslu għall-ipperikolar tad-diversità bijoloġika ta' Malta.

(2) Il-persuna li titlob permess għal attivitajiet imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, hawn aktar l-isfel imsejħa l-applikant, għandha tissottometti applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti.

(3) Sabiex l-Awtorità Kompetenti tkun tista' tevalwa talba għall-permess, l-applikazzjoni għandu jkun fiha d-dokumenti rilevanti u kull informazzjoni oħra meħtieġa li tiġi mitluba mill-Awtorità Kompetenti.

(4) L-Awtorità Kompetenti tista', biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti:

(e) temenda, tissosspendi jew tħassar kwalunkwe permess u/jew tali strumenti ta' awtorizzazzjoni oħra;

(f) timponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, kemm-il darba li xi kundizzjoni speċjali tista' tiġi mposta fuq l-applikant, biex jissottometti fi żmien xahar mill-iskadenza tal-permess jew fit-tmiem tas-sena kalendarja, liema minnhom hu l-ewwel, informazzjoni rilevanti għall-attivitajiet permessi.

(5) Kopja ta' kwalunkwe riżultat publikat u publikazzjonijiet oħra rilevanti għall-attivatijiet magħmula skond il-permess għandhom jaslu għand l-Awtorità Kompetenti fi żmien tlett xhur mid-data tal-publikazzjoni.

(6) Il-perijodu ta' validità ta' tali permess għandu jiġi wkoll stabbilit fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti, kemm-il darba illi l-validità tal-permess ma għandux jeċċedi sena kalendarja mid-data tal-ħrug tiegħu.

(7) L-Awtorità Kompetenti għandha tirriżerva d-dritt li ma toħroġx il-permess jew iġġedded kwalunkwe permess jekk l-applikant in kwistjoni ma jkunx osserva jew onora xi kundizzjoni jew obligazzjoni naxxenti minn kwalunkwe permess ieħor maħruġ mid-Direttur jew l-Awtorità Kompetenti taħt dawn ir-regolamenti jew regolamenti rilevanti oħrajn.

(8) Id-Direttur jista', għan-nom ta' l-Awtorità Kompetenti, f'każijiet ta' emerġenza jew periklu gravi, jawtorizza l-pussess jew iż-żamma fuq bażi temporanja, jew id-dispożizzjoni ta' kwalunkwe eżemplari, u f'dan ir-rigward jista' joħroġ kull xorta ta' tali direttiva li jidhirlu xierqa.

Reġistru pubbliku u informazzjoni konfidenzjali.

8. (1) Persuni, entitajiet pubbliċi u istituzzjonijiet oħra li jkunu ngħataw permess taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu mniżżla f'reġistru pubbliku nazzjonali.

A.L. 217 tal-2001.

(2) Fejn it-tagħrif jaffetwa waħda jew aktar mill-oġġetti msemmija fir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, l-applikant jista' jindika l-informazzjoni mniżżla fl-applikazzjoni għal permess għall-fini ta' dawn ir-regolamenti bħala waħda kunfidenzjali. Għandha tingħata ġustifikazzjoni li tkun tista' tiġi verifikata f'dawk il-każijiet.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni ma' l-applikant, liema informazzjoni tkun ser tinżamm kunfidenzjali u għandha tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha.

(4) Minbarra fejn l-Awtorità Kompetenti tiddeċiedi li jkun hemm theddida għas-salvagwardja tal-bijodiversità, f'ebda każ ma għandha din l-informazzjoni li ġejja tinżamm kunfidenzjali:

– l-isem u l-indirizz ta' l-applikant,

– l-istituzzjoni, jekk ikun il-każ, li teħtieġ il-permess,

– l-ispeċi, *biotope*, ambjent naturali, sit jew akkwata involuta,

– l-għan u skop ta' l-applikazzjoni,

– il-benefiċċji li joħorġu mill-permess,

– l-impatti possibbli fuq il-bijodiversità lokali, inkluż l-ispeċi, *biotope*, ambjent naturali, jew akkwata involuta,

– l-evalwazzjoni ta' effetti previsti, b'mod partikolari kull effetti ta' ħsara fuq l-ambjent.

(5) L-Awtorità Kompetenti ma għandhiex tgħarraf lil terzi persuni dwar informazzjoni li tkun ġiet deċiża li hi kunfidenzjali skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, u għandha tipproteġi kull dritt ta' proprjetà intellettwali relatat ma' informazzjoni riċevuta.

(6) Jekk, għal xi raġuni jew oħra, l-applikant jirtira l-applikazzjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tirrispetta l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni mogħtija.

Relazzjoni ma' regolamenti ohrajn.

9. Ebda ħaġa li tinsab f'dawn ir-regolamenti ma għandha titqies li tippreġudika l-osservanza ta' xi liġi jew regolamenti oħra.

Reati u pieni.

10. (1) Kull min jieħu, jimmaltratta, joqtol, ikollu fil-pussess tiegħu, ibiegħ b'xi metodu, jixtri, ipartat, jimporta jew jesporta xi eżemplari bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u kull min jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, u kull min jiftiehem jew jipprova, jew igħin, iħajjar, jagħti parir jew iqabbad lil xi persuna oħra biex tikkommetti xi wieħed mir-reati hawn imsemmija qabel, ikun ħati ta' reat.

(2) Kull min jikkommetti reat kontra dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinstab ħati –

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn mitt lira Maltija (Lm100) għal kull eżemplari;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew sussegwenti reat, multa ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250) iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija (Lm1,000) għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, il-Qorti tista' wkoll tordna lil kull min jinsab ħati li kkommetta reat taħt dawn ir-regolamenti, biex iħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-Awtorità Kompetenti bħala riżultat tar-reat imsemmi, it-tħassir tal-permess maħruġ taħt dawn ir-regolamenti u l-konfiska, iż-żamma u t-tneħħija tal-*corpus delicti*.

Thassir ta' l-A.L. 77 ta' l-1992.

11. Ir-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar, huma b'dan imħassra.

SKEDA

MAMMIFERI TAL-BAĦAR PROTETTI

Isem Xjentifiku	Isem Malti	Isem Ingliż
CETACEA		
Balaenoptera acutorostrata	Balena Zghiraġ Balenottera Zghira, Balena ta' Geddumha Ppuntat	Minke Whale
Balaeonoptera borealis	Balenottera tan-Nofsinhar	Sei Whale
Balaenoptera physalus	Balena Kbiraġ Balenottera Kbira, Baliena Mbacca	Fin Whaleġ Finback Whale
Delphinus delphis	Denfil Komuni	Common Dolphin
Eubalaena glacialis	Baliena tat-Tramuntana	Northern Right Whale
Globicephala melas (=Globicephala meleana)	Balena Sewda	Long-Finned Pilot Whale
Grampus griseus	Denfil Grizġ Denfil ta' Rissoġ Monka tal-Punent	Risso's Dolphin
Kogia simus	Balena ta' Mnehirha Catt	Dwarf Sperm Whale
Megaptera novaeangliae	Balena tal-Gwienah Kbar	Humpback Whale
Mesoplodon densirostris	Balena ta' Blainville	Blainville's Beaked Whale
Orcinus orca	Orka	Killer Whale
Phocoena phocoena	Denfil Iswed	Common Porpoiseġ Harbour Propoise
Physeter macrocephalus (=Physeter catodon)	Gabdoll	Sperm Whale
Pseudorca crassidens	Psewdorka	False Killer Whale
Sousa chinensis	Denfil tal-Bahar l-Ahmar	Indo-Pacific Humpback Dolphin
Stenella coeruleoalba	Stenella	Striped Dolphin
Steno bredanensis	Denfil tat-Tikki	Rough-Toothed Dolphin
Tursiops truncates	Denfil Geddumu Qasir	Bottlenose Dolphin
Ziphius cavirostris	Balena ta' Kuvjer	Cuvier's Beaked Whale
PINNIPEDIA		
Monachus monachus	Bumerin; Monka, Foka Monka	Mediterreanean Monk Seal